Patt tas-Sindki
għall-Klima u l-Enerġija
L-EWROPA

# "Hemm bżonn li l-proġetti ta' tranżizzjoni enerġetika jiġu marbuta mill-ġdid mal-komunitajiet lokali"

**Intervista ma' Zoran Kordić, Ko-Fundatur ta' kooperattiva għall-enerġija Kroata Zelena energetska zadruga (ZEZ).**




Fil-fehma tiegħek, liema huma l-isfidi ewlenin li qed jiffaċċjaw l-atturi lokali meta jimplimentaw proġetti ta' tranżizzjoni enerġetika?

Is-settur tal-enerġija għadu marbut sew mal-fjuwils fossili, u dan jagħmilha diffiċli għall-atturi tal-enerġija nadifa biex jiżviluppaw. Huwa deplorabbli li l-miri nazzjonali għall-klima u l-enerġija mhumiex allinjati mal-objettivi stabbiliti mill-ftehim ta' Pariġi, u li lanqas ma jsegwu r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima. Hemm il-ħtieġa wkoll għal appoġġ iktar b'saħħtu u qafas abilitanti għal proġetti tal-enerġija komunitarji u biex il-proġetti ta' tranżizzjoni enerġetika jerġgħu jkunu marbutin mal-komunitajiet lokali.

B’liema mod il-ħidma permezz ta’ kooperattiva tgħin tiffaċċja dawn l-isfidi?

Il-kooperattivi jistgħu jikkonnettjaw l-investituri mal-proġetti ta’ tranżizzjoni enerġetika. Dawn jikkontribwixxu biex iġibu l-bidla fl-imġiba taċ-ċittadini u għandhom rwol x’jilgħabu fl-iżvilupp tal-politika billi jipprovdu rakkomandazzjonijiet prattiċi.

Il-belt firmatarja tal-Patt mexxiet l-ewwel proġett ta’ *crowdfunding* (finanzjament kollettiv) għall-enerġija rinnovabbli fil-Kroazja. B’liema mod il-Green Energy Cooperative (ZEZ) appoġġjat il-belt f’dan il-proġett?

Grazzi għall-EU-funded Horizon 2020 Compile project, ZEZ setgħet tibda l-implimentazzjoni ta’ pannelli solari fuq il-bjut ta’ bini pubbliku. Dan jikkontribwixxi biex jinkiseb wieħed mill-objettivi tal-aġenda ta’ governanza lokali: li Križevci tkun awtosuffiċjenti fl-enerġija sal-2030.

B’mod ġenerali, kif tiddeskrivi l-esperjenza tagħkom fit-tmexxija ta’ proġetti ta’ tranżizzjoni enerġetika mal-awtoritajiet lokali fil-Kroazja?

L-esperjenza tagħna tal-ħidma mal-awtoritajiet lokali hija pjuttost pożittiva! Il-maġġoranza tal-ibliet jirrikonoxxu l-eżiti pożittivi ta’ proġetti bħal dawn u juru ħafna iktar interess li jnaqqsu d-distakk bejn iċ-ċittadini u l-proġetti enerġetiċi minn kwalunkwe livell ieħor ta’ gvern.

Kif intlaqgħet il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fi Križevci? Kien hemm partijiet oħra interessati li esprimew interess fi skemi ta’ finanzjament innovattivi bħal dawn?

L-interess taċ-ċittadini fl-investiment kien ferm ogħla milli mistenni. L-aħħar kampanja tagħna kienet iffinanzjata kompletament fi żmien 48 siegħa biss u rnexxielna nqajmu 5 darbiet iktar interess minn dak li konna neħtieġu. Iċ-ċittadin wera interess qawwi li jinvesti fi proġetti ta’ tranżizzjoni enerġetika.

Patt tas-Sindki
għall-Klima u l-Enerġija
L-EWROPA

© image Inia Herenčić